MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2613/2002

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu Saviour Farrugia u b'digriet tal-11 ta' Frar, 2003 wara Saviour Farrugia ghandu jizdied il-kliem u l-istess Saviour Farrugia.**

**Vs**

**Paul Camilleri**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici sabiex il-konvenut jigi dikjarat responsabbli tal-incident li sehh fit-2 ta' Marzu 2002 fi Triq Hal Farrug, Luqa, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura TFC 428 u dahal gol-vettura ta' Saviour Farrugia numru ta' registrazzjoni JBA 056. L-attur talab ukoll li l-

konvenut jigi kundannat ihallas lill-attur is-somma ta‘ tliet mija hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm365.65) cioe is-somma ta’ danni li l-attur hallas in linea ta’ danni ghall-istess incident lil Saviour Farrugia li huwa assigurat mieghu taht polza tip comprehensive.  L-attur kif surrogat fid-drittijiet tieghu hallas ghad-danni kollha tal-vettura JBA 056.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata mal-avviz tat-talba kontra s-socjeta assigurattrici tal-konvenut u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici u dan peress illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-assikurat tas-socjeta’ attrici Saviour Farrugia, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Sema ix-xhieda w ezamina id-dokumenti

Ikkonsidra

Illi l-process mhux munit, bi skizz ta' kollizzjoni billi hija procedura li meta l-vetturi jitmessew u/ jew ma jibqghux fil-post tal-kollizzjoni, l-istess skizz ma jigix redatt. Inoltre, ma giex prodott xi terz li kien presenti ghal kollizzjoni biex tinghata versjoni spassjonata tal-akkadut.

Illi z-zewg xufiera jaghtu versjoni identika verosimili li pero' tingombi r-responsabbilta fuq il-parti l-ohra, u ma setax ikun mod iehor. Aktar u aktar meta l-kollizzjoni ssehh fil crown of the road'. Ikun ferm difficili lil min it-tort ghandhu jkun attribwit ghax ikun jispetta lit-tnejn. F' dan is-sens, it-Tribunal jaghmel riferenza ghal kawza fl-ismijiet. Daniel Azzopardi vs F.S Rapinett (Avviz nru 2210/02 PM)

Ghal awturi u sentenzi hemm indikati similarment ir-responsabbilta qed tigi akkordata f' porzjoni ugwali ghal xulxin.

A rigward il-quantun tad-danni, dan ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi accettat

Jiddeciedi billi jiddikjara sia lill-attur Saviour Farrugia u lil konvenut ugwalment responsabbli f' rata ta' hamsin fil-mija (50%), kull wiehed u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' mija tnejn u tmenin Lira u tlieta u sittin centezmu (Lm182.63) bl-interessi mid-data tal-presentata tal-avviz u l-kap tal-ispejjes jigi soffert ugwalment bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------